# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g


Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 1/2017

25 ta' Jannar 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:3:00 pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda kmieni.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |

Assenti b'ittra ta' Apoligija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

1.1 Qari tal-ittri ta' Apoligiji

Id-Deputat Segetarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li jinsab l-isptar. Huwa qiegħed jiġi skużat mil-laqgħa. Is-Sindku u l-kunsilliera awguraw fejqan ta' malajr lil Kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

1.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

1.2.2 Is-Sindku qal li kellu update żgħira fuq il-laqgħa li kellu mac-chief of staff tal-Ministeru tal-Intern (ref punt. 12.2.2). Rigward is-suldati dawn qed jgħidu li ser tkun naqra problema għaliex ta' Kandia mhux tajjeb sabiex jisparaw hemm is-suldati. Rigward l-għassa tal-pulizija c-chief of staff talab għal aktar żmien għaliex m'ilux ħafna f'din il-kariga. Is-Viċi Sindku qal li skond l-agreement li kien hemm qabel (dik li l-banka tal-lottu tmur mal-Każin u li l-għassa titla' flok il-banka tal-lottu), din għandha tiġi onorata. Is-Sindku pero' qal illi ovjament jekk tiġi l-Policy tal-Gvern illi f'irħula żgħar l-għases ma jibqgħux iżjed miftuħa, l-Kunsill ma jkun jista' jagħmel xejn.

1.2.3 Rigward il-kiri tas-Sala (ref punt 12.2.3) is-Sindku fakkar lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv illi issa l-Bye Law għandha tkun ta' 200 Euros.

1.2.4 Rigward ref punt 12.2.7 is-Sindku qal li kien tkellem ma sid id-dar. Is-sid jixtieq illi issir bankina baxxa għaliex fil-fatt qisu m'hemm l-ebda bankina sabiex ma jidhollux ilma tax-xita. Is-Sindku qal li għandu jmur fuq il-post sabiex jaraw l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema.

1.2.5 Rigward ref punt 12.3.2 is-Sindku qal illi l-għada tal-laqgħa kienu ser jitwaħħlu t-tabelli rigward il-One Way, u anki tqassam avviż fid-djar tal-madwar sabiex ir-residenti jkunu jafu kif għandhom jibdew jgħaddu. Din ser tkun bħala prova għal 30 jum.

1.2.6 Is-Sindku qal illi l-party tat-tfal (ref punt 12.3.3) dan ġejna break even u l-kunsill ma kien ser joħroħ l-ebda spejjeż. Bil-flus li ġbarna mingħand it-tfal u permezz tal-qligħ li sar b'attivita li organizzaw Żurrieq FC, dawn kollha marru sabiex ikopru l-ispejjeż. Bħala animation is-Sindku qal li kienu veru klassi, u ntogħġbu

1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

1.3.1 Miżura 4.4 Fond Agrikolu Ewopew għall-Iżvilupp Rurali

Is-Sindku qal li kienet ħarġet Miżura 4.4 pero' l-unika informazzjoni li għandna fuqha s'issa peress li ser issir laqgħa ta' nformazzjoni fi Frar huwa li din hija miżura fejn isir asfaltar ta' toroq rurali. Minn din l-iskema l-Unjoni Ewropeja toħroġ 90% tal-Proġett waqt li l-Kunsill Lokali jkun obligat joħroġ 10%. Is-Sindku qal li f'moħħu għandu erba' postijiet fejn istgħunaplikaw. Saret diskussjoni u sar qbil illi skond il-budget li jkun hemm għandna naraw li naplikaw għal triq li nkunu nistgħu nasfaltawhakolluha u mhux nofsha jew parti minnha.

1.3.2 Is-Sindku qal li ser isir kunċet li l-qligħ tiegħu jmur bħala għajnuna għal Qalb it-tfal u parti minnu ser imur għal karita'. Is-Sindku ressaq it-talba li biex nħeġġu aktar nies jmorru għal dan il-ġest nobbli, il-Kunsill jorganizza transport dirett. Saret diskussjoni u sar qbil illi għandna nieħdu parir mid-dipartiment rigward din l-attivita'.

1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

1.4.1 Id-Deputat Segetarju Eżekuttiv qrat ittra li rċievejna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Konfini ta' bejn Ħal Safi u ż-Żurrieq. Wara diskussjoni fuq il-konfini l-Kunsill jemmen li l-quddiem kull ċaqliq li jista' jkun hemm għandu jkun b'konsultazzjoni.

1.4.2 Is-Sur Carlo Stival saqsa rigward l-E-Mail ref 706/16 mingħand is-Sur Warren pero' d-Deputat Segretarju Eżekuttiv assigurat illi dawn l-e-mails kienu repetuti u għalhek diġa kienu diskussi fil-laqgħa preċidenti. Is-Sindku qal sabiex niftgakru sabiex nagħmlu t-tabelli sabiex ngħarrfu illi Triq Carmelo Caruana ser tkun magħluqa.

1.4.3 Is-Sur Francis Callus staqsa rigward l-E-Mail 722/16 rigward is-sħubija tal-Gal Xlokk. Id-Deputat Segretarju qalet illi din kienet l-approvazzjoni mid-Dipartiment għas-sħubija tal-Kunsill mal-Gal Xlokk.

1.4.4 Is-Sur Francis Callus staqsa ukoll rigward ċirkulari rigward id-donazzjonijiet. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi konna rċievejna linja ta' gwida rigward donazzjonijiet u momentos li l-Kunsilli jkunu jistgħu jixtru meta jiġu mistiedna minn xi delegazzjonijietbarrarin.

1.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa rigward E-Mail 737/16 rigward EU funding. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet skema relatata aktar mal-ambjent u jekk konna ser naplikaw għal din l-Iskema kellna sas 7 ta' April 2017.

1.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa rigward e-Mail 743/16 li tirrigwardja il-Pilot Project Procedure. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi din kienet Proġett Pilota li kien għall-Kunsilli li jaqgħu taħt ir-Reġjun Nofsinhar fejn persuni mill-lokal rispettiv tagħhom kellhom japlikaw sabiex ikunu jistgħu jevalwaw it-tenders online b'hekk is-sistema tal-Evaluation tkun aktar trasparenti.

1.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa ukoll rigward e-Mail 752/16 rigward sejħa għal librara mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Id-deputat Segretarju Eżekutiv spjegat illi konna rċievejna mingħand id-Dipartiment fejn spjegaw illi s-sejħa kellna noħorġu fuq bażi temporanja u li kellha tkun fuq bażi ta' Self Employed.

1.4.8 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus saqsa fuq e-mail 002/17 fuq il-Librerija Pubblika. Is-Sindku spjega illi peress li nqbadna bi skrivana waħda ma kinx possibli li nifthu l-librerija filgħodu pero' hekk kif ser tibda l-librara l-ġdida it-Tlieta filgħodu għall-iskola ser tkun obbligatorja li tiftaħ.

1.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa rigward e-Mail 754/16 fuq l-iskemi tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'Fondi għall-Kunsilli Lokali. Is-Sindku spjega illi kienu żewġ skemi relatati mar-restawr tal-faċċati tal-bini ġewwa l-UCA. Min jixtieq japplika u m'għandux perit sabiex japlika seta' jagħmel użu mill-perit tal-Kunsill u l-Kunsill jieħu 500 Euro għax-xogħol ta' din l-applikazzjoni.

1.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa rigward e-mail 0036/17 rigward yellowline u drivein. Is-Sindku kkonferma illi dawn kull ma kienu qed jitolbu kien yellowlines sabiex isir l-ipparkjar tal-karozzi sew għaliex xi ħadd kien qed jipparkja eżatt mal-koxxa tal-garage.

1.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa ukoll rigward e-Mail rigward tqaċċit ta' siġar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi kienet ċemplet lil kuntrattur, u qalli li proċedura normali li jiġbru z-zkuk fi skip apposta, imbagħad wara jiddisponi minnu kif inhu suppost.

1.5 Rapporti

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tat kopja lil Kunsilliera kollha tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2017. Hija spjegat illi s-sena d-dieħla konna bil-ħsieb illi nagħmlu żewġ Proġetti Kapitali (il-bandli u l-patching) allura konna ser nispicca b'defecit żgur. Pero's-sena 2016 spiccajna b'surplus li għandu jtaffi ftit mid-defecit għas sena 2017. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

1.6 Items oħra

1.6.1 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi din l-Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv konna obligati li nagħmluha kull disgħin jum sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Għalhekk is-Sindku propona illi nerġgħu nġeddu l-ħatra tas-Sinjura Doris Baldacchino bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill Lokali ta' Ħal Safi b'effett mill-11 ta' Jannar 2017. Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala ssekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

1.6.2 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv

Għas-sena 2016 il-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv ser ikun l-ewwel disa' xhur għal Ex Segretarju Eżekuttiv u l-aħħar xahrejn għad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi kemm l-Ex Segretarju Eżekuttiv u d-zzjDeputat Segretarju Eżekuttiv dejjem għamlu dmirhom mill-aħjar li setgħu u li ħaqqhom il-fullperformance. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.6.3 Ħatra għal Clerk

Is-Sindku qal illi l-Bord maħtur mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillier s-Sur Carlo Stivala u s-Sinjura Doris Baldacchino bħala s-Segretarja tal-Bord iltaqgħu darbtejn sabiex jagħmlu l-intervisti għal Clerk. Fost it-12 il-kandidati li ntervistajna bħala total is-Sur Julian Azzopardi ġie l-ewwel u jekk jaqbel il-Kunsill, is-Sindku propona li għandu jinħatar bħala l-Clerk il-ġdid għal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament. Għandna nikkuntatjawh sabiex naraw jekk għadux interessa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li għandna l-ewwel nett navżaw lil JobPlus bir-riżultat u anki lid-Dipartiment bil-ħatra tiegħu. L-impjegat il-ġdid għandu jibda mill-aktar fis possibbli.

1.6.4 Bicycle Rack

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi mill-Ministeru tal-Finanzi hemm skema sabiex nkunu nistgħu nagħmlu l-bicycle racks u għalhekk għandna nidentifikaw żewġ postijiet fejn ser jiġu. Post wieħed żgur huwa ħdejn il-binja tal-Kunsill u l-ieħor il-Pjazza. Fuq tal-pjazza għandna naraw sew ħalli ma noħolqux ostakkli.

1.6.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet jekk nhar ta' Ġimgħa jistgħux jibdew jużaw is-sala sabiex jibdew jorganizzaw il-lezzjonijiet taz-Zumba. Il-kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

1.6.6 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala saqsa jekk jistgħux l-ħaddiema jmorru jagħmlu ftit patching f'ħofra kbira li hemm fi Triq ta' Gawhar. Il-Viċi Sindku ukoll qal illi fi Triq il-Kuċċard hemm xi ħofor li jridu jintlew. Is-Sindku qal illi l-patching irridu nagħmluh pero' bħal issa t-temp ma kinx jippermetti allura nagħmlu l-ħofor l-aktar kbar.

1.7 Kunsiderazjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

1.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 15 ta’ Frar 2017 fit-3:00 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv